# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
**IMĦALLEF**
**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **738/2021**

## PAUL ATTARD (KI 0475978M)

**VS**

## L-AVUKAT TAL-ISTAT

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 10 ta’ Ġunju 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar l-artikoli 15 *et seq* tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap 276 tal-Liġijiet ta’ Malta) kif ikkunsidrati fid-dawl tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' rikors kostituzzjonali preżentat nhar il-ħdax (11) ta' Novembru 2021, ir-rikorrent **<u>Paul Attard</u>** ippremetta:

   a. Illi huwa ġie arrestat nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2021 u miġjub quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex jgħaddi proċeduri ta' estradizzjoni fl-istess jum;

   b. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti qua awtorita' ġudizzjarja mogħnija bis-setgħa li tesegwixxi ikkonkludiet testwalment hekk:

      *"Illi fil-każ in eżami m'hemm l-ebda indikazzjoni li d-droga interċettata fuq id-dgħajsa kienet ser tiġi spaċċata fl-Italja tant li l-Italja mhix elenkata bħala wieħed mill-pajjiżi fejn seħħew l-att inkriminanti, għalhekk fil-każ ipotetiku taċ-ċirkostanzi korrispondenti għandu jitqies li d-droga ma kinitx ser tiġi spaċċata Malta. Konsegwentement u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101, l-imġieba ma kenitx tikkostitwixxi reat extra territorjali f'Malta. Dan ifisser li t-tielet kriterju imsemmi fis-subartikolu (4) tal-artikolu 59 ma ġiex sodisfatt.*

      *Illi in vista ta' dan ir-reat ma jistax jitqies bħala wieħed ta' estradizzjoni.*

      *Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li r-reat imsemmi fil-MAE mhux wieħed ta' estradizzjoni u ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Ordni tordna l-ħelsien tal-Estradant Paul Attard."*

   c. Illi in sewgitu, fuq appell intavolat mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza appellata u ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex

tkompli bis-smigħ tal-estradizzjoni. Testwalment il-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet hekk:

*"Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali u filwaqt li tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, tiddikjara li r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew jikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens aktar 'il fuq imsemmi; u fid-dawl ta' dan, stante li kif intqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti illiberat lill-estradant fis-sensi tal-artikolu 12(3) tal-Ordni, u ġialadarba jeħtieġ li s-smigħ tal-estradizzjoni jissokta fis-sensi tal-artikoli 13 et seq tal-Ordni, tibgħat l-atti ta' dan il-proċess lura lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smigħ tal-estradizzjoni b'dan li l-estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021."*

d. Illi b'hekk il-każ reġa' ntbagħat lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimaandanti sabiex il-proċeduri ta' estradizzjoni de quo jissoktaw quddiemha;

e. Illi fil-fatt dan il-każ kien jinsab differit għall-prolazzjoni tas-sentenza nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2021;

f. Illi a tenur tal-artikolu 15 *et seq* tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konsegwenza *sine qua non* fl-eventwalita' ta' treġġija lura tal-estradant lejn ir-*requesting state*, fil-mori tal-proċeduri kemm quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, jekk ikun il-każ, irid *sine qua non* jinżamm taħt arrest preventiv;

g. Illi l-estradant, in sewgitu għall-arrest tiegħu nhar is-6 ta' Settembru 2021, inżamm arrestat biss għal perjodu ta' disat (9) ijiem, u dana minħabba li l-

Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wara li qieset li dan kien it-tieni (2) tentattiv tal-awtoritajiet Taljani sabeix jarrestaw lill-estradant, wara li qieset dak kollu li jiddisponi l-artikolu 575 tal-Liġijiet ta' Malta, akkordatlu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;

h. L-Avukat Ġenerali, minkejja li kellu kull dritt jopponi għal tali talba u/jew jitlob xi forma ta' reviżjoni tal-istess digriet tal-ħelsien mill-arrest, ma għamilx dan. B'hekk illi mill-bidu tal-proċeduri sal-jum li dan ir-rikors ġie preżentat, l-estradant kien ilu *released on bail* għal sebgħa u ħamsin (57) jum, b'dana pero li jekk nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tordna t-treġġija lura tal-estradant, u minkejja li dik il-Qorti f'dik is-sentenza trid bilfors bħala formalita' *sine qua non* tas-sentenza tfakkar lill-estradant id-dritt tiegħu li jikkontesta tali ordni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u anke quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-estradant wara wieħed u sittin (61) ġurnata jgawdi l-liberta' tiegħu, bilfors jerġa' jiġi arrestat u miżmum ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

i. Meta fl-ordinament ġuridiku tagħna hemm maħsub kif u meta persuna tingħata l-ħelsien mill-arrest, hemm maħsub ukoll kif u meta persuna tista' titlef tali benefiċċju u terġa' tiġi inkarċerata. Eżerċizzji dawn it-tnejn li dejjem jirrikjedu illi jkun hemm talba minn waħda mill-partijiet bid-dritt ta' risposta tal-parti l-oħra, l-għarbiel tat-talba u r-risposta mill-Qorti inkluż ukoll li l-parti "telliefa" għandha dritt ta' appell;

j. Fil-każ odjern, il-mod assolutament arbitrarju, b'mod illi jmur lil hinn minn wieħed mis-sisien tas-saltna tad-dritt ossia l-liberta' tal-persuna, Qorti ta' Ġustizzja li hija l-għodda u t-tarka sabiex tiggarantixxi l-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni kollha minħabba l-artikolu supra-ċitati tal-Att indikat, hija svestita minn tali rwol u anzi l-oppost għandha idejha *ex lege* marbuta b'tali mod u manjiera li anke jekk il-Maġistrat personalment jemmen li l-

estradant għandu jibqa' jgawdi l-ħelsien mill-arrest, huwa jrid bilfors jordna l-arrest tiegħu;

k. B'hekk illi bla kliem u bla sliem, Qorti ta' Ġustizzja, minflok tiggarantixxi d-drittijiet tal-individwu tkun qegħda mal-ħaġra t'għajn tiksirhomlu, mhux b'għażla xjenti tal-ġudikant, iżda minħabba il-posizzjoni legali attwali;

l. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-estradant saħaq li huwa ampjament ċar illi l-istat attwali tal-liġi taħt l-artikoli 15 *et seq* tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta, jilledu d-dritt fondamentali tiegħu għal-liberta' personali u kwindi l-estradant talab lil din il-Qorti jogħġobha:

**1. Tiddikjara l-aġir tal-intimat illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tal-estradant billi jikser l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liema minnhom, u**

**2. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa u opportuni skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ;**

3. B'digriet mogħti nhar is-sittax (16) ta' Novembru 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimat, li ngħata għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta skont il-liġi, u appuntat il-kawża għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, għaxra (10) ta' Diċembru 2021;

4. B'risposta datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021, l-intimat **Avukat tal-Istat** ikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet, u difatti eċċepixxa:

a. Illi r-rikorrenti qiegħed jibbaża din il-kawża fuq premessa totalment żbaljata. Skont ir-rikorrenti, meta l-Qorti Rimandanti tiddeċiedi li hemm

raġunijiet skont il-liġi sabiex hu jitreġġa lura lejn ir-*Requesting State*, irid jinżamm bilfors taħt kustodja fil-mori tal-proċeduri li jkun hemm quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ukoll quddiem il-Qorti Kostituzzjonali abbażi tal-Artikolu 15 *et sequitur* tal-Kap 276. Minn qari tar-rikors promotur huwa ċar li r-rikorrenti qiegħed jattakka disposizzjoni speċifika tal-liġi senjatament l-artikolu 15 tal-Kap 276. Pero', l-intimat eċċepixxa illi fil-każ tar-rikorrenti mhux l-artikolu 15 tal-Kap 276 huwa applikabbli għaliex il-proċeduri ta' estradizzjoni li huwa involut fihom hu, huma regolati bil-L.S. 276.05 li hija l-*lex specialis* f'dan il-każ. Fil-fatt meta wieħed jaqra d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Rimandanti tas-17 ta' Novembru 2021, isib li l-Qorti ordnat li r-rikorrenti jitqiegħed taħt kustodja ai termini tal-artikolu 24 tal-L.S. 276.05 u mhux ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 276 kif erronjament jgħid ir-rikorrent fir-rikors promotur. Illi għal din ir-raġuni waħedha wkoll, din il-Qorti għandha twarrab u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti;

b. Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropa u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jibda biex jingħad li dawn l-artikoli huma intiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont dawn l-artikoli dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u cioe li l-individwu jiġi mħares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u dan stante li dawn l-artikoli jikkontjenu lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-liberta' ta' xi persuna. Waħda mir-raġunijiet li skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' hija dik maħsuba fil-paragrafu (f) tal-istess artikolu u cioe meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u meta tkun għaddejja kawża dwar l-estradizzjoni tal-persuna. L-istess insibu fl-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Avukat tal-Istat issottometta illi l-arrest tar-rikorrenti kif ordnat mill-Qorti Rimandanti permezz tas-sentenza datata

17 ta’ Novembru 2021 sar ai termini tal-provvedimenti tal-L.S. 276.05 proprju sabiex ir-rikorrent ikun jista’ jiġi estradit lejn l-Italja in eżekuzzjoni ta’ Mandat ta’ Arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet Taljani.

Illi għalhekk, ir-rikorrenti jinsab taħt kustodja fuq ordni tal-Qorti Rimandanti liema arrest huwa ċertament mhux arbitrarju iżda huwa pjenament ġustifikat u permissibbli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni;

c. Illi wieħed irid japprezza n-natura partikolari tal-proċeduri ta’ estradizzjoni f’kuntest ta’ esekuzzjoni ta’ Mandat ta’ Arrest Ewropew li qed jaffaċċja r-rikorrenti. Tant hu hekk, li l-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta’ Malta isemmu speċifikament li l-arrest ta’ persuna huwa ġustifikat meta jkun hemm kawża għall-estradizzjoni ta’ dik il-persuna u dan għal diversi raġunijiet. Meta persuna tkun qed tiġi imfittxija minn pajjiż terz sabiex taffaċċja proċeduri kriminali f’dak il-pajjiż, huwa minn għewl id-dinja li l-biża’ li dik il-persuna taħrab jew tinħeba ser jiżdied, aktar u aktar meta l-Qorti, in eżekuzzjoni ta’ Mandat ta’ Arrest Ewropew, tordna ukoll l-estradizzjoni ta’ dik il-persuna;

d. Illi apparti hekk xejn ma jwaqqaf lir-rikorrenti sabiex f’każ li tiġi ordnata l-estradizzjoni tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti, jintavola appell minn dik id-deċiżjoni u jitlob il-ħelsien mill-arrest. Ir-rikorrenti jista’ dejjem jitlob lill-Qorti tagħtih il-ħelsien mill-arrest jekk ikun f’kustodja, imbagħad ovvjament hija fid-diskrezzjoni ta’ dik il-Qorti tara jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ ir-rikorrenti għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest jew le. Tant hu hekk li r-rikorrenti appella mid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti datata 17 ta’ Novembru 2021 u fil-mori tal-appell intavola rikors datat 22 ta’ Novembru 2021 fejn proprju talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest. B’digriet datat 3 ta’ Diċembru 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrenti li jingħata l-ħelsien mill-arrest għaliex fil-

fehma tal-Qorti l-biża' li r-rikorrent jinħeba jew jabskondi hija waħda rejali fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

L-istitut tal-pleġġ (liberta' provviżorja) jappartjeni għad-dritt penali u jaqa' fi ħdan il-parametri (mansjonijiet) tal-qrati li jgawdu minn ġurisdizzjoni kriminali. L-għoti tal-liberta' provviżorja jew iċ-ċaħda tal-istess għandhom jiġu deċiżi esklussivament mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni penali. Hemm raġuni għal dan. Huma il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni penali li jinsabu fl-aqwa posizzjoni sabiex jevalwaw u jikkonstataw jekk persuna timmeritax il-ħelsien mill-arrest. Għalhekk qrati kriminali għandhom jeżerċitaw tali diskrezzjoni mhux biss għax il-persuna li titlob tali liberta' provvisorja trid isserraħ moħħ il-Qorti illi ser tidher quddiemha meta hekk ordnata minn tali Qorti, iżda għaliex hija l-istess qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li hija mogħnija biżżejjed b'ottika u vista pjena taċ-ċirkostanzi kollha tal-persuna li għandha quddiemha, kemm jekk il-persuna hija imputata u kif ukoll meta jkollok persuna li qed jaffaċċja proċeduri ta' estradizzjoni bħal fil-każ odjern lil jirrigwarda lil Paul Attard;

e. Illi ma jeżisti l-ebda dritt awtomatiku għall-ħelsien mill-arrest, ħlief kif u jekk provdut espressament mil-liġi. Din hija regola ġenerali li tista' tammetti ftit eċċezzjonijiet purche' dawk huma ikkontemplati mil-liġi, u cjoe dawk naxxenti mill-Artikolu 575(1) tal-Kapitolu 9 (tal-Kodiċi Kriminali);

f. Illi tenut kont id-diversi raġunijiet u ċirkostanzi kif deskritti fir-risposta, ċertament li ma jistax jingħad li l-kontinwazzjoni taħt kustodja tar-rikorrenti huwa b'xi mod kappriċċjuż jew arbitrarju;

g. L-intimat huwa tal-fehma li m'hemm xejn li b'xi mod wieħed jista' jasal jgħid li ġie vjolat xi jedd fondamentali tar-rikorrenti, wisq inqas dak imfisser fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;

h. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

i. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti**

5. Reġgħet rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent datat ħdax (11) ta' Novembru 2021;

6. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021;

7. Rat il-verbal tas-seduta tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2021 illi matulha din il-Qorti laqgħet it-talba għall-allegazzjoni tal-atti tal-kawża fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Paul Attard"* deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 mal-atti ta' din il-kawża. Dan il-proċess ġie allegat bħala **Dok FC1** waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2022;

8. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Mark Galea** mogħtija *viva voce* waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2022, u rat **Dok MG1** minnu esebit waqt l-istess seduta;

9. Rat is-senteza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, esebita mill-Avukat tal-Istat waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2022 u mmarkata bħala **Dok SA**;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, ippreżentata nhar il-ħdax (11) t'April 2022;

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, ippreżentata nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2022;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. L-Artikolu 15(3) tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(3) Meta awtorità għal proċediment tkun ġiet maħruġa dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-provi kollha miġjuba biex isostnu t-talba għat-treġġigħ lura ta' dik l-persuna jew miġjuba f'isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta' estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta –*
>
> *(a) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiġġustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta;*
>
> *(b) jekk jiġi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa,*
>
> *il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tagħha taħt dan l-Att; iżda jekk il-qorti ma tkunx hekk sodisfatta jew ikun hekk projbit li dik il-persuna tintbagħat taħt kustodja għal dak il-fini, il-qorti għandha teħlisha mill-kustodja:*
>
> *Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-*

*xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Ġenerali, sakemm l-appell jinqata' jew jiġi abbandunat, jew l-Avukat Ġenerali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna.*

14. In oltre, l-Artikolu 17 tal-Kap 276 jistabbilixxi mbagħad is-segwenti:

*17.(1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tiġi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.*

*(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali ta' Malta.*

15. Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi illi dawn iż-żewġ provvedimenti tal-liġi Maltija huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti tfakkar illi dawn iż-żewġ artikoli jipproteġu d-dritt illi wieħed ma jiġix ipprivat mil-liberta' personali tiegħu ħlief hekk kif jista' jkun awtorizzat bil-liġi f'numru ta' każijiet. Fost dawn il-każijiet, insibu nkluż fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

*(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persuna f'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-*

*kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor;*

filwaqt illi nsibu b'mod simili nkluż fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorita' fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed tittieħed azzjoni għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*

16. Kienu diversi d-drabi illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem indirizzat din l-eċċezzjoni għar-regola kontemplata fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-punt kollu wara din l-eċċezzjoni ġie espost, b'mod partikolari, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Öcalan v. Turkey***[1], fejn il-Qorti Ewropea rriteniet:

*88. Inherent in the whole of the Convention is the search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. As movement about the world becomes easier and crime takes on a larger international dimension, it is increasingly in the interest of all nations that suspected offenders who flee abroad should be brought to justice. Conversely, the establishment of safe havens for fugitives would not only result in danger for the State obliged to harbour the protected person, but also tend to undermine the foundations of extradition (see Soering v. the United*

[1] Appl Nr 46221/99, Qorti Ewropea (Grand Chamber), 12 ta' Mejju 2005. Ara wkoll ***Adamov v. Switzerland***, Appl Nr 3052/06, Qorti Ewropea (Tieni Sezzjoni), 21 ta' Ġunju 2011

*Kingdom, judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, p. 35, § 89).*

17. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, awturi stabbiliti, u l-Qrati nostrana, iddelineaw tliet elementi illi jsawru din l-eċċezzjoni, liema elementi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-*benchmark* illi jiddetermina jekk detenzjoni fl-ambitu ta' proċeduri t'estradizzjoni tivvjolax l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew taqax taħt l-eċċezzjoni kontemplata mis-sub-inċiż (f):

   a. **Id-detenzjoni għandha tkun legali *("lawful")* u mhux arbitrarja;**

   b. **Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni *("with a view to extradition")*; u**

   c. **Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza *("prosecuted with due diligence")*;**

   Għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn l-elementi taħt kapijiet separati;

**A. <u>Id-detenzjoni għandha tkun legali, u mhux arbitrarja</u>**

18. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet ***Quinn v. France***[2]:

*That provision (art. 5-1) requires in the first place that the detention be "lawful", which includes the condition of compliance with a procedure prescribed by law. The*

[2] Appl. Nr 18580/91, Chamber, 22 ta' Marzu 1995, § 47

*Convention here refers back essentially to national law, but it also requires that any deprivation of liberty be in conformity with the purpose of Article 5 (art. 5), namely to protect individuals from arbitrariness (see the Van der Leer and Wassink judgements previously cited).*

19. L-istess punt ġie elaborat f'aktar dettal mill-Qorti Ewropea fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Khlaifia and Others v. Italy***[3]*:*

*91. The deprivation of liberty must also be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of that law, but it requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of Article 5, namely to protect the individual from arbitrariness (see Herczegfalvy v. Austria, 24 September 1992, § 63, Series A no. 244; Stanev, cited above, § 143; Del Río Prada v. Spain [GC], no. 42750/09, § 125, ECHR 2013; and L.M. v. Slovenia, no. 32863/05, § 121, 12 June 2014). In laying down that any deprivation of liberty must be effected "in accordance with a procedure prescribed by law", Article 5 § 1 primarily requires any arrest or detention to have a legal basis in domestic law. However, these words do not merely refer back to domestic law. They also relate to the quality of the law, requiring it to be compatible with the rule of law, a concept inherent in all*

[3] Appl. Nr 16483/12, Grand Chamber, 15 ta' Diċembru 2016

*Articles of the Convention (see Amuur, cited above, § 50, and Abdolkhani and Karimnia, cited above, § 130).*

*92. On this last point, the Court stresses that where deprivation of liberty is concerned it is particularly important that the general principle of legal certainty be satisfied. It is therefore essential that the conditions for deprivation of liberty under domestic law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of "lawfulness" set by the Convention, a standard which requires that all law be sufficiently precise to allow the person – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail (see Baranowski v. Poland, no. 28358/95, §§ 50-52, ECHR 2000-III; Steel and Others v. the United Kingdom, 23 September 1998, § 54, Reports 1998-VII; Ječius v. Lithuania, no. 34578/97, § 56, ECHR 2000-IX; Paladi v. Moldova [GC], no. 39806/05, § 74, 10 March 2009; and Mooren v. Germany [GC], no. 11364/03, § 76, 9 July 2009).*

20. F'din is-sentenza, għalhekk, il-Qorti Ewropea marret pass oltre minn fi ***Quinn***, b'dana illi stqarret illi minbarra l-fatt illi d-detenzjoni għandha tkun fit-termini tal-liġi domestika tal-Istat fejn tkun qiegħda sseħħ, il-liġi illi tipprovdi għal tali detenzjoni għandha tkun waħda ċara u konformi mal-prinċipju tas-saltna tad-dritt. Dan sabiex jiġi assigurat illi d-detenzjoni ma tkunx arbitrarja, hekk kif ġie stabbilit ukoll mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet ***Adamov v. Switzerland***[4]**:**

[4] Appl Nr 3052/06, Qorti Ewropea (Tieni Sezzjoni), 21 ta' Ġunju 2011

> *54. Compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5 § 1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness (see, among other authorities, Winterwerp v. the Netherlands, 24 October 1979, § 37, Series A no. 33; Amuur, cited above, § 50; Chahal v. the United Kingdom, 15 November 1996, § 118, Reports 1996-V; and Witold Litwa v. Poland, no. 26629/95, § 78, ECHR 2000-III). It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 § 1 and the notion of "arbitrariness" in that provision extends beyond lack of conformity with national law, such that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention (see Saadi, cited above, § 67).*

21. Dwar dak illi jista' jiġi definit bħala detenzjoni *"arbitrarja"*, il-Qorti Ewropea rriteniet fl-istess sentenza appena ċitata:

> *55. While the Court has not previously formulated a global definition as to what types of conduct on the part of the authorities might constitute "arbitrariness" for the purposes of Article 5 § 1, key principles have been developed on a case-by-case basis. It is moreover clear from the case-law that the notion of arbitrariness in the context of Article 5 varies to a certain extent depending on the type of detention involved (see Saadi, cited above, § 68).*

> *56. One general principle established in the case-law is that detention will be "arbitrary" where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith or deception on the part of the authorities (see, for example, Bozano v. France, 18 December 1986, Series A no. 111; Čonka, cited above; and Saadi, cited above, § 69). For arbitrariness to be excluded, conformity with the purpose of the restrictions permitted by the relevant sub-paragraph of Article 5 § 1 is required in respect of both the ordering and the execution of the measures involving deprivation of liberty (see Winterwerp, cited above, § 39; Bouamar v. Belgium, 29 February 1988, § 50, Series A no. 129; and O'Hara v. the United Kingdom, no. 37555/97, § 34, ECHR 2001-X).*

22. Applikati l-prinċipji suċitati għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tosserva illi huwa fatt mhux kontestat illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija konsegwenza tal-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 17 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas jidher illi huwa kontestat il-fatt illi l-arrest tar-rikorrent seħħ wara illi ġiet segwita l-proċedura delineata fil-Kap 276 (għal darba, darbtejn) għad-determinazzjoni dwar l-estradizzjoni o meno tar-rikorrent, kemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qua Rimandanti, kif ukoll bid-dritt t'appell relattiv mill-istess sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Tenut kont biss dan il-punt, din il-Qorti diġa' tinsab konvinta illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija waħda illi tista' tiġi kkunsidrata bħala *"lawful"* fit-termini tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, iżda, minkejja dan, din il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet, illi jkomplu jaffermaw il-fehma tagħha:

a. Huwa r-rikorrent stess illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel aċċenn għall-fatt illi meta, wara illi kien soġġett għal proċeduri ta' Mandat

t'Arrest Ewropea fis-sena 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddikjarat illi l-Mandat mibgħut mill-awtoritajiet Taljani mhuwiex konformi mal-liġi u mhux magħmul fil-forma preskritta[5], huwa ġie rilaxxat mill-arrest minnufih[6]. Konsegwentement, għalhekk, jirriżulta kjarament illi l-arrest tar-rikorrent mhuwiex kawża ta' *male fede* min-naħa tal-Istat, iżda bħala konsegwenza tal-fatt illi reġgħu infetħu proċeduri għal estradizzjoni fil-konfront tiegħu, liema proċeduri, kuntrarjament għall-proċeduri oriġinali, ma kellhomx eżitu favorevoli għar-rikorrent;

b. Minkejja illi l-proċeduri dwar l-estradizzjoni o meno tar-rikorrent reġgħu nbdew fis-sitta (6) ta' Settembru 2021, ir-rikorrent ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2021 fuq talba tiegħu stess, u saħansitra lanqas meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kif presjeduta mill-Onor Imħallef Aaron Bugeja ddeċidiet fit-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru 2021 illi r-reat huwa estradibbli, u rrimandat lura l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma ġie r-rikorrent mill-ġdid detenut. Difatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat illi, *"l-estradant għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021"*. Kien biss meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (f'dan il-każ, il-Qorti Rimandanti) iddeċidiet, fis-sbatax (17) ta' Novembru 2021, illi m'hemm l-ebda impediment għall-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja, illi huwa ġie arrestat mill-ġdid. Il-fatt illi kien biss wara illi kien hemm din is-sentenza tal-Qorti Rimandanti[7] illi ordnat illi r-rikorrent għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja, stante illi ma kien hemm ebda impediment għall-estradizzjoni, illi r-rikorrent ġie arrestat, u dan in konformita' mal-provvedimenti tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05) u tal-

---

[5] Vide sentenza esebita mill-Avukat tal-Istat, immarkata bħala **Dok SA**, a fol 32 *et seq* tal-proċess
[6] Vide para 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 46 tal-proċess
[7] Estradizzjoni (EAW) Nru 574/2021, ***Il-Pulizija vs Paul Attard***, Maġistrat Dr Noel Bartolo, 17 ta' Novembru 2021

Artikolu 15(3) u 17 tal-Kap 276, ikompli jikkonferma illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija waħda illi għandha bażi legali, u mhux waħda arbitrarja;

23. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi l-ewwel element huwa sodisfatt, u li d-detenzjoni tar-rikorrent għandha bażi fil-liġi Maltija.

**B. <u>Id-detenzjoni trid tkun bl-intenzjoni t'estradizzjoni (*"with a view to extradition"*)</u>**

24. Dwar it-tieni element, fil-***Guide on Article 5 of the Convention – Right to Liberty and Security***[8]**,** b'referenza għall-ġurisprudenza vasta tal-Qorti Ewropea dwar din il-materja, ġie indikat illi, *"149. Any deprivation of liberty under the second limb of Article 5 § 1 (f) will be justified only for as long as deportation or extradition proceedings are in progress."*;

25. Il-frażijiet operattivi huma *"azzjoni [...] għall-estradizzjoni"* (fil-verżjoni Ngliża *"action is being taken with a view to deportation or extradition*") fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u *"sabiex tiġi effettwata [...] l-estradizzjoni"* (fil-verżjoni Ngliża *"for the purpose of effecting [...] extradition [...] of that person from Malta"*) fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. **Harris, O'Boyle u Warbrick**[9] jgħallmu illi:

> *Detention may be justified by Article 5(1)(f) even though a formal request or an order for extradition has not been issued, provided that enquiries have been made, since the enquiries amount to 'action' being taken in the sense of that provision. Likewise, detention may be within Article 5(1)(f) even though deportation or extradition does not in fact*

[8] Pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, 30 t'April 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_5_eng.pdf)
[9] ***Law of the European Convention on Human Rights*** (2nd Edn, 2009, Oxford University Press) p 161

> *occur. It is not necessary that the detention itself be warranted on its facts in terms of whether it is reasonably considered necessary for example to prevent the applicant fleeing or committing a further offence. However, if there is no actual intention to deport or extradite the individual concerned there will be a violation of Article 5(1), moreover even if such an intention exists there may be a violation if deportation is not possible for legal or other reasons since the provision only permits detention when 'an action is being taken with a view to deportation'. Hence continuing loss of liberty under Article 5(1)(f) will only be justified for as long as deportation or extradition proceedings are in progress.*

26. Jidher għalhekk illi ġialadarba tissusisti xi forma ta' azzjoni bl-intenzjoni illi ssir estradizzjoni, id-detenzjoni tirriżulta ġustifikata ai termini tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

27. Dan l-element jidher illi huwa l-punt ta' vertenza bejn il-partijiet. Filwaqt illi, fuq naħa waħda, ir-rikorrent qiegħed isostni illi l-proċeduri ta' estradizzjoni nfushom ġew deċiżi (u għalhekk konkjużi) b'sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 9 ta' Diċembru 2021, l-Avukat tal-Istat isostni illi sakemm il-proċeduri illi jistgħu jwasslu għall-annullament, revoka jew modifika tal-ordni tal-Qorti għat-treġġigħ tar-rikorrent lejn l-Italja għadhom pendenti, il-proċess ta' estradizzjoni ma jistax jitqies illi huwa konkjuż, iżda jitqies illi għadu pendenti;

28. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-Avukat tal-Istat in kwantu dan jissottometti illi minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Diċembru 2021, il-fatt illi r-rikorrent għandu proċeduri oħra pendenti illi jistgħu jwasslu għar-revoka tal-istess ordni jfisser illi l-proċeduri t'estradizzjoni għadhom m'humiex finali. Difatti, l-Artikolu 21 tal-Kap 276, kif

isostni tajjeb l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jgħid ċar u tond illi persuna ma tistax titreġġa' lura lejn il-pajjiż li jagħmel it-talba, *"jekk il-persuna mibgħuta taħt kustodja jkollha l-jedd tibda xi proċedimenti, sew ta' appell jew xort'oħra, li jistgħu jwasslu għar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tiġi mibgħuta taħt kustodja, u l-persuna tkun bdiet dawk il-proċedimenti jew, jekk ikun hemm stabbilit b'liġi jew ikun ġie stabbilit b'ordni jew b'sentenza tal-qorti żmien li fih dawk il-proċedimenti għandhom jinbdew, sakemm igħaddi dak iż-żmien",* u / jew *"jekk xi proċedimenti msemmija fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan ikunu nbdew, sakemm jispiċċaw dawk il-proċedimenti"*;

29. B'referenza għal dak sottomess mir-rikorrent fin-nota t'osservazzjonijiet tiegħu illi, *"jekk l-intavolar ta' kawża kostituzzjonali minn issa 'l quddiem ser jibda jitqies bħala kontinwar ta' proċeduri ordinarji u kwindi li proċeduri ordinarji quddiem Qrati ordinarji ma humiex definittivament magħluqa – mela allura ebda proċedura ġudizzjarja ma tista titqies bħala magħluqa u dana billi ma hemm ebda terminu ta' preskrizzjoni fuq azzjoni dwar drittijiet fondamentali"*, din il-Qorti tirrileva illi l-każ odjern huwa każ differenti mill-eżempji ta' "proċeduri ordinarji" illi jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent fil-paragrafu numru għoxrin (20) tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Dan preċiżament għaliex dan huwa każ ta' provvediment tal-liġi illi jistabbilixxi iswed fuq abjad illi l-ordni għal treġġigħ ma tiġix ikkunsidrata bħala *in vigore* qabel ma jintemmu l-proċeduri mibdija mir-rikorrent. Din mhix kwestjoni dwar nuqqas ta' preskrizzjoni fuq azzjoni dwar drittijiet fondamentali, iżda kwestjoni ta' provvediment tal-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern fil-partikolarita' tiegħu. Li kieku ma kienx hekk, kienet tkun tissussisti l-possibilta' ipotetika illi r-rikorrent jitreġġa' lura lejn l-Italja, jinbdew il-proċeduri penali fil-konfront tiegħu fl-Italja, bil-potenzjalita' illi l-ordni għat-treġġigħ lura lejn l-Italja tiġi eventwalment revokata jew dikjarata nulla mill-Qrati Maltin, u dan b'telf sostanzjali ta' żmien u riżorsi;

30. Din il-Qorti tagħmel hawnhekk referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Ġenerali***[10]**,** illi kienet tittratta dwar ilment prattikament identiku għal dak illi qiegħed jiġi trattat fil-każ odjern:

> *Konformament mal-premess, il-Qorti tosserva li l-fatt li ttieħdet deċiżjoni fis-sens li l-persuna għandha tiġi estradita ma jfissirx li b'daqshekk il-proċeduri ta' estradizzjoni ġew konkjużi, għax il-proċeduri ta' estradizzjoni jiġu konkjużi mhux bid-deċiżjoni tal-qrati iżda bir-ritorn tal-individwu lejn il-pajjiż rikjedenti, jew bil-fatt li jiġi discharged. Il-fatt li l-persuna tinsab detenuta bil-ħsieb li tiġi ritornata lejn il-pajjiż rikjedent ifisser li għadha għaddeja bl-"l-azzjoni" bi ħsieb li dik il-persuna tiġi estradita.*

31. Huwa fatt mhux kontestat illi l-Istat għad għandu l-ħsieb li jesegwixxi l-estradizzjoni ordnata mill-Qrati Rimandanti. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonsidra illi l-proċeduri għadhom ma ġewx finalment konkjużi, b'dana illi t-tieni element jirriżulta wkoll sodisfatt.

**C. <u>Il-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza (*"prosecuted with due diligence"*)</u>**

32. Mat-tieni element, il-Qorti Ewropea konsistentement allaċċjat ukoll it-tielet element, u cioe illi l-proċeduri għandhom ikunu qed jitmexxew b'diliġenza. Difatti, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Quinn v. France*** suċitata, ingħad:

> *It is clear from the wording of both the French and the English versions of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) that deprivation of liberty under this sub-paragraph will be*

[10] Rik Nru 45/2016 LSO, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Ġunju 2017

*justified only for as long as extradition proceedings are being conducted. It follows that if such proceedings are not being prosecuted with due diligence, the detention will cease to be justified under Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f).*[11]

33. **Harris, O'Boyle u Warbrick**[12] jispjegaw illi:

*Accordingly, the Court will examine the record of legal proceedings before the domestic authorities (looking at phases of detention individually but also in combination) in the light of a 'due diligence' test. Here the conduct of the applicant – who might delay proceedings – as well as that of the authorities, is taken into account and there is no absolute limit to the time that proceedings may last. The test is one of diligence appropriate to the circumstances, although for long periods of detention the Court will consider whether there existed sufficient guarantees to safeguard against arbitrary executive decisions to keep an individual in detention.*

34. Fil-każ odjern, mir-rikors kostituzzjonali u r-risposta tal-Avukat tal-Istat, jirriżulta s-segwenti *timeline*, illi ma jidhirx illi qiegħed jiġi kontestat mill-partijiet:

a. **6 ta' Settembru 2021**: Ir-rikorrenti ġie arrestat bis-saħħa ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti dakinhar stess;

b. **15 ta' Settembru 2021**: Ir-rikorrent ngħata l-ħelsien mill-arrest;

---

[11] Ara wkoll ***Khlaifia and Others v. Italy***, op cit.

[12] ***Law of the European Convention on Human Rights***, op cit, p. 162

c. **4 t'Ottubru 2021**: Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ippronunzjat ruħha dwar l-estradizzjoni tar-rikorrent billi ddikjarat li r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew ma kienx wieħed ta' estradizzjoni;

d. **28 t'Ottubru 2021**: Wara appell intavolat mill-Avukat Ġenerali mis-sentenza tal-4 t'Ottubru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat illi r-reat huwa estradibbli, u bagħtet lura l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (jew Qorti Rimandanti);

e. **11 ta' Novembru 2021**: Ġie intavolat ir-rikors kostituzzjonali odjern;

f. **15 ta' Novembru 2021**: Il-Qorti Rimandanti ippronunzjat ruħha dwar l-estradizzjoni tar-rikorrenti u sabet li m'hemm ebda impediment għall-estradizzjoni tiegħu. Il-Qorti Rimandanti ordnat illi jinżamm taħt kustodja skont il-liġi;

g. **9 ta' Diċembru 2021**: Wara appell intavolat mir-rikorrent mis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat it-treġġigħ lura tal-estradant qua rikorrenti lejn l-Italja. L-estradant baqa' miżmum taħt kustodja.

35. Ħarsa lejn il-kronoloġija tal-fatti kif seħħew turi illi l-proċeduri quddiem il-Qrati Maltin imxew b'mod spedit. Il-proċeduri jinsabu preżentement sospiżi għaliex ir-rikorrent għandu proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, inkluż dawk odjerni, per kawża ta' liema, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 276 suċitat, l-estradizzjoni ma tistax tiġi effettwata;

36. Referenza ssir għal dak ritenut mill-Qorti Ewropea fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Kolompar v. Belgium***[13]:

[13] Appl Nr 11613/85, Qorti Ewropea (Chamber), 24 ta' Settembru 1992

*40. The Court notes that the period spent in detention pending extradition was unusually long [...]. However, the extradition proceedings properly so-called were completed by 2 May 1984 [...], less than one month after the decision to revoke the order remanding the applicant in custody in respect of his alleged offences in Belgium, at a time when he had not yet been tried in the Antwerp Criminal Court [...]. The detention was continued as a result of the successive applications for a stay of execution or for release which Mr Kolompar lodged on 29 October 1984, 2 January 1985, 15 June 1985, 21 June 1985 and 17 September 1985 [...], as well as the time which the Belgian authorities required to verify the applicant's alibi in Denmark [...].*

*41. The authorities and courts before which the case came prior to the beginning, on 17 September 1985, of the urgent application proceedings gave their decisions within a normal time [...]. To that extent it appears beyond doubt that the requirements of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) were complied with.*

*42. For the subsequent period [...], the Court recognises the force of the Government's arguments based on Articles 751 and 748, last sub-paragraph, of the Belgian Judicial Code [...]. It notes in addition that, at first instance, Mr Kolompar waited nearly three months before replying to the submissions of the Belgian State (24 December 1985 - 19 March 1986); then, on appeal, he requested that the hearing of the case be postponed and failed to notify the authorities that he was unable to pay a lawyer.*

*His Netherlands lawyer, when questioned by the Court on these last two points at the hearing on 23 March 1992, stated merely that the request for a postponement had been made on the initiative of a Belgian colleague, who had represented the applicant at the time and that it had not been possible under the Judicial Code in this case to appoint a lawyer to act for him free of charge, although this last affirmation was denied by the Government [...].*

***Whatever the case may be, the Belgian State cannot be held responsible for the delays to which the applicant's conduct gave rise. The latter cannot validly complain of a situation which he largely created.***

*43. The Court accordingly concludes that there has been no violation of Article 5 para. 1 (art. 5-1).*[14]

Kien ukoll fuq dan ir-raġunament illi kkonfermat il-Qorti Kostituzzjonali dak illi ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Angelo Frank Paul Spiteri vs L-Avukat Ġenerali*** suċitata;

37. Considerando wkoll il-fatti illi: (a) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jappella minn deċiżjonijiet illi ma kellhomx eżitu favorevoli għalih; (b) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jippreżenta talba għall-ħelsien mill-arrest, kif effettivament għamel diversi drabi; (ċ) ir-rikorrent ngħata kull opportunita' sabiex jintavola proċeduri kostituzzjonali fejn ħass illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu; u (d) ir-rikorrenti ngħata kull opportunita', sakemm kien miżmum taħt arrest, illi jkollu viżitaturi, kemm fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll permezz tat-telefon[15], din il-Qorti mhix tirriskontra

[14] Emfasi miżjuda minn din il-Qorti.
[15] Vide xhieda tal-Ispettur Mark Galea, mogħtija *viva-voce* waqt is-sedut tal-21 ta' Jannar 2022, a fol 19 *et seq* tal-proċess

xi fatt u/jew ċirkostanzi illi jistgħu jwassluha għall-konklużjoni illi l-proċeduri ma tmexxewx b'diliġenza. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti hija sodisfatta illi jissussisti wkoll it-tielet element;

38. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi d-detenzjoni tar-rikorrenti tinkwadra ruħha perfettament fil-qafas ta' detenzjoni ġiustifikata ai termini tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-Artikolu 34(1)(j) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, b'dana illi l-aġir tal-intimat ma jistax jiġi kkonsidrat bħala wieħed illi jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti Paul Attard.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**